**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ottubru 2023**

Kawża Numru: 26/2022 (JPG)

**Avukat Dottor Dustin Camilleri**
**in rappreżentanza tad-ditta EMA**
**Advocates**

**vs**

**Walter Zammit**

- ***Preliminari***

It-Tribunal

Ra l-avviż tat-talba preżentat fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru 2022 mill-attur Dottor Dustin Camilleri in rappreżentanza tad-ditta legali EMA Advocates fejn huwa ippremetta s-segwenti: -

> *"Illi l-attur joffri servizzi legali;*
>
> *Illi l-intimat għamel uzu minn dawn is-servizzi;*
>
> *Illi l-intimat minkejja interpellazzjoni sabiex iħallas għal dan is-servizz baqa' inadempjenti u l-bilanċ dovut huwa ta' €4,130 (erbat elef mija u tletin euro) liema ammont jinkludi ukoll l-VAT hekk kif jidher mid-dokument hawn anness immarkat Dokument A;*
>
> *Għaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lill-intimat debitur tal-attur fis-somma ta' € 4,130 (erbat elef mija u tletin euro) u jikkundanna l-intimat jħallas l-ammont hekk likwidat oltre imgħaxijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez tal-proċeduri odjerni u dawk tal-ittra ufficjali Nru 1847/2022 u l-mandat ta' Sekwestru."*

Ra li l-intimat – għalkemm ġie debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni – naqas li jippreżenta risposta entro t-terminu preskritt mil-liġi. Huwa personalment jew inkella rappreżentant legali tiegħu lanqas ma dehru għas-smiegħ ta' dan il-kaz biex jikkontestaw dak reklamat mill-attur nomine.

Ra l-affidavit tal-Avukat Dottor Dustin Camilleri u d-dokumenti annessi miegħu.

Ikkunsidra;

- ***Kunsiderazzjonijiet Fattwali***

Għalkemm jirrizulta li l-intimat baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, il-kontumacja mhix ekwivalenti għall-ammissjoni tat-talbiet tal-attur. L-attur xorta baqa' taħt l-obbligu li huwa jipprova l-kaz tiegħu sal-grad li trid il-liġi fi proceduri civili.

Fil-proceduri odjerni, l-attur qed jitlob il-ħlas ta' erbat elef mija u tletin ewro (€ 4,130) rappreżentanti servizzi legali li l-attur taħt il-kappa tal-azjenda legali EMA Advocates ippresta lill-intimat. Hekk kif spjegat fl-affidavit ta' Dottor Dustin Camilleri dawn is-servizzi kienu jirrigwardaw *"studju u trattazzjoni ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali."* Dawn huwa konfermat wkoll mill-*invoice* li l-azjenda legali EMA Advocates ħarġet lill-intimat u li hija esebita mal-istess affidavit. It-Tribunal m'għandux għalfejn ma jemminx il-verżjoni mogħtija mill-attur nomine, anke għaliex l-istess attur nomine ippreżenta d-dokumenti kollha relattivi għat-talba tiegħu. Għar-rigward l-ammont li qiegħed jiġi reklamat, dan wkoll jirriżulta ampjament pruvat mill-*invoice* li ġiet esebita. It-talba tal-attur nomine għalhekk timmerita li tiġi milqugħa. L-ispejjeż tal-preżenti procedura għandhom wkoll jkunu a karigu tal-intimat.

- ***Decide***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi **jilqa'** t-talba tal-attur nomine u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-attur nomine l-ammont ta' **erbat elef mija u tletin ewro (€ 4,130)** bl-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena dekorribbli mid-data tad-disgħa (9) ta' Awissu 2022 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż tal-preżenti istanza kif wkoll l-ispejjeż relattivi għall-ittra ufficjali numru 1847/2022 datata disgħa (9) ta' Awissu 2022 kif wkoll dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1792/2022 li sar għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat.

(ft)Dr Jean Paul Grech LL.D.
*Ġudikant*

(ft)Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur